

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 34

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi
7 ta' Frar 2008
Avviż Nru

Werrej

Paġna

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni

2008/C 34/01

 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrategġi għat-tnaqqis tar-riskju għal dawn is-sustanzi: Piperazine; Cyclohexane; Methylenediphenyl diisocyanate; But-2-yne-1,4-diol; Methyloxirane; Aniline; 2-Ethylhexylacrylate; 1,4-Dichlorobenzene; 3,5-dinitro-2,6-dimethyl-4-tert-butylacetophenone; Di-(2-ethylhexyl)phthalate; Phenol; 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene ⁽¹⁾ 1

MT

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrategġija għat-tnaqqis tar-riskju għal dawn is-sustanzi: Piperazine; Cyclohexane; Methylenediphenyl diisocyanate; But-2yne-1,4-diol; Methyloxirane; Aniline; 2-Ethylhexylacrylate; 1,4-Dichlorobenzene; 3,5-dinitro-2,6-dimethyl-4-tert-butylacetophenone; Di-(2-ethylhexyl)phthalate; Phenol; 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene

Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(2008/C 34/01)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti ⁽¹⁾ jinvolve r-rappurtaġġ ta' *data*, l-iffissar ta' prijoritajiet, il-valutazzjoni tar-riskju u, fejn ikun meħtieġ, l-iżvilupp ta' l-istrategġija biex ir-riskji minn sustanzi eżistenti jiġu limitati.

— 2-Ethylhexylacrylate;

— 1,4-Dichlorobenzene;

Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta' prijorità li jeħtieġu valutazzjoni skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1179/94 ⁽²⁾, (KE) Nru 2268/95 ⁽³⁾ u (KE) Nru 143/97 ⁽⁴⁾ li jikkonċernaw rispettivament l-ewwel, it-tieni u t-tielet lista ta' sustanzi ta' prijorità kif ipprovdut fir-Regolament (KEE) Nru 793/93:

— 3,5-dinitro-2,6-dimethyl-4-tert-butylacetophenone;

— Di-(2-ethylhexyl)phthalate;

— Piperazine;

— Phenol;

— Cyclohexane;

— 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene.

— Methylenediphenyl diisocyanate;

— But-2yne-1,4-diol;

— Methyloxirane;

— Aniline;

L-Istati Membri referenti nnominati skond dawk ir-Regolamenti lestew l-attivitatijiet ta' valutazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-bniedem u l-ambjent għal dawk is-sustanzi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għall-valutazzjoni tar-riskji għall-bniedem u l-ambjent minn sustanzi eżistenti ⁽⁵⁾ u pproponew strategġija biex ir-riskji jkunu limitati skond ir-Regolament (KEE) Nru 793/93.

Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE) jew il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER) kienu kkonsultati u ħarġu opinjoni dwar il-

⁽¹⁾ ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 131, 26.5.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 231, 28.9.1995, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 25, 28.1.1997, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.

valutazzjonijiet tar-riskju li saru mir-referenti. Dawn l-opinjoni-jiet jinstabu fuq il-websajt tal-Kumitati Xjentifiċi

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jistipula li r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrategġji rakkomandata biex jitnaqqsu r-riskji għandhom jiġu adottati fuq il-livell tal-Komunità u jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni. Din il-Komunikazzjoni, flimkien mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾

[inkludi ref. għar-Rakkomandazzjoni], tipprovdi r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju ⁽⁷⁾ u l-istrategġji biex jiġu limitati r-riskji tas-sustanzi msemmija hawn fuq.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrategġji għat-tnaqqis tar-riskji pprovduti f'din il-Komunikazzjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93.

⁽⁷⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet tal-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>.

⁽⁶⁾ ĠU L 33, 7.2.2008.


ANNEX

PARTI 1

CAS Nru 110-85-0

Einecs Nru 203-808-3

Formula Strutturali:



Isem ta' l-Einecs:

Piperazine

Isem ta' l-IUPAC:

Piperazine

Referenti:

L-Iżvezja

Klassifikazzjoni ⁽¹⁾:

C; R34

R42/43

R52/53

Klassifikazzjoni proposta (biex tissostitwixxi C&L mit-22 ATP wara li jiġi ppubblikat it-30 ATP) ⁽²⁾

Kat. Rappr.; R62-63

C; R34

R42/43

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula fil-Komunità Ewropea jew impurtata fiha kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mir-Referent ta' l-Istat Membru ⁽³⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-piperazine tal-Komunità Ewropea, kif inhi jew bħala mluħa, tintuża' prinċipalment bħala intermedjarju fl-industrija kimika inkluż fil-produzzjoni ta' farmaċewtiċi. Il-piperazine, kif inhi jew bħala mluħa, tintuża' għal pilloli mediċinali għan-nies u użu veterinarju, bħala taħlita fil-ħasil bil-gass (barraxa), u bħala katalist fil-produzzjoni tal-urethane. Ix-xenarji deskritti jirrappreżentaw l-użu prinċipali tal-piperazine.

Nota: L-użu tal-piperazine f'mediċinali veterinarji mhux indirizzat f'din il-leġiżlazzjoni, hu kopert bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 ⁽⁴⁾ (Limiti ta' Residwi Massimi fl-oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali).

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

— tħassib dwar is-sensittività tal-ġilda meta din tiġi esposta f'xenarji fejn ikollha kuntatt ma' mluħa tal-piperazine (jiġifieri l-kuntatt finali waqt attivitajiet ta' produzzjoni u tagħbija waqt il-formulazzjoni);

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/59/KE tas-6 t'Awissu, li tadatta għall-progress tekniku għat-28 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-qrubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 225, 21.8.2001).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni li tadatta għall-progress tekniku għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-qrubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (għadhamhix ippubblikata).

⁽³⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jistgħu jinstabu fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

⁽⁴⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1.

- tħassib dwar l-ażma meta wieħed jesponu ruħu u jiblagħha mix-xamm waqt ix-xenarji kollha fuq ix-xogħol;
- tħassib dwar in-newrotossiċità u t-tossiċità riproduttiva minħabba espożizzjoni ripetuta għall-imluħa tal-piperazine fix-xenarji tal-kuntatt finali waqt l-attivitajiet ta' produzzjoni u tagħbija waqt il-formulazzjoni.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistenna riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qed jiġu applikati huma biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qed jiġu applikati huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji li diġà qed jiġu applikati huma meqjusa suffiċjenti.

B) **AMBJENT**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qed jiġu applikati huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA AKKWATIKA

hija li jkun meħtieġ miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-ekosistema akkwatika minħabba espożizzjoni li ssir fis-sit tal-produzzjoni u għall-użu industrijali ta' formulazzjonijiet fil-hassela tal-gass bil-piperazine f'21 sit.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-evalwazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qed jiġu applikati huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni ta' l-evalwazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib għall-mikro-organismi f'impjanti tat-trattament tad-drenaġġ peress li jiġu esposti fil-maġġoranza tax-xenarji lokali ta' ħassiela bil-gass.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA

- biex iqsu fuq il-livell tal-Komunità li ssir klassifikazzjoni armonizzata skond id-Direttiva tal-kunsill 67/548/KEE ⁽⁵⁾ ta' l-imluħa tal-piperazine.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex tnaqqas ir-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

Fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat:

- li jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-Komunità valuri tal-limitu ta' espożizzjoni għall-imluħa tal-piperazine skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ⁽⁶⁾.

⁽⁵⁾ ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1.


⁽⁶⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

PARTI 2

CAS Nru 110-82-7

Eines Nru 203-806-2

Formula Strutturali:



Isem ta' l-Eines:

Cyclohexane

Isem ta' l-IUPAC:

Referenti:

Franza

Klassifikazzjoni ⁽¹⁾:

F; R11

Xn; R65

Xi; R38

R67

N; R50/53

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritt fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mir-Referent ta' l-Istat Membru.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza tintuża' prinċipalment bħala intermedjarju fl-industrija kimika. Użi oħrajn rappurtati huma bħala solvent fil-proċess ta' produzzjoni kimika u fil-kolla u ż-żebgħa.

Il-valutazzjoni tar-riskju identifikat sorsi oħra ta' espożizzjoni għas-sustanza, rilevanti għan-nies u għall-ambjent, b'mod partikolari miż-żejt mhux raffinat u mill-pjanti, prodotti kombustibbli (duħħan tat-tabakk, emissjonijiet vulkaniċi) u fjuwils li jiġu miż-żejt mhux raffinat (fwar tal-petrol), li mhumiex riżultat taċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea. Il-valutazzjoni tar-riskji li toħroġ minn dawn l-espożizzjonijiet mhix parti minn din il-valutazzjoni tar-riskju. Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv ⁽²⁾ kif mgħoddi lill-Kummissjoni mir-Referent ta' l-Istat Membru, iżda jagħti informazzjoni li tista' tintuża' biex tevalwa dawn ir-riskji.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li jinħtieġu aktar miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar it-tossiċità akuta (effetti ta' l-imġiba newrotika) u tossiċità sistemika ġenerali (effetti epatiċi) minħabba espożizzjoni mix-xamm u li jiġru waqt it-taħlit u l-użu industrijali ta' prodotti li fihom is-sustanza kif ukoll mill-użu ta' prodotti li fihom is-sustanza fl-industrija tas-snaġġa.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004, li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-qrubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar tossiċità akuta (effetti ta' l-imġiba newrotika) minħabba espożizzjoni li tirriżulta mill-użu ta' prodotti li fihom is-sustanza.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li fil-preżent ma tinhtiegħ aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li fil-preżent ma tinhtiegħ aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) **AMBJENT**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA U L-EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li fil-preżent ma tinhtiegħ aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-evalwazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li fil-preżent m'hemm bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju wriet li mhumiex mistennija riskji. Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat għat-tnaqqis tar-riskji tas-sustanza safejn hemm bżonn u għandha tapplika.

Għall-KONSUMATURI

biex iqisu fuq il-livell tal-Komunità r-reklamar u l-użu ta' restrizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE ⁽³⁾ (Id-Direttiva dwar ir-Reklamar u l-Użu) għall-użu taċ-ċikloheksan f'kolla bbażata fuq in-neoprene.


⁽³⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

PARTI 3

CAS Nru 26447-40-5

Eines Nru 247-714-0

Formula Strutturali:



Isem ta' l-Eines:

1,1'-methylenebis (isocyanatobenzene)

Isem IUPAC:

Methylenediphenyl diisocyanate

Methylenebis (phenyl isocyanate)

Referent:

Il-Belġju

Klassifikazzjoni:

Xn; R20

Xi; R36/37/38

R42/43

Klassifikazzjoni proposta (biex tissostitwixxi C&L mit-28 ATP wara li jiġi ppubblikat it-30 ATP) ⁽¹⁾

Carc. Cat. 3; R40

Xn; R20-48/20

Xi; R36/37/38

R42/43

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mir-Referent ta' l-Istat Membru ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, tiddetermina li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata primarjament fil-produzzjoni industrijali ta' fowms tal-polyurethane iebsin. Diversi użi oħra fl-oqsma tal-binders ta' l-injam, Kisjiet biż-Żebgħa, Kolla, Sealants u Elastomeri (CASE), fowms u fibri (semi) flessibi u termoplastiċi tal-polyurethane. Użu limitat iżda mhux neglijabbli jinsab fi prodotti għall-konsumatur, bħall-kolla u fowms b'komponent wieħed (OCFs).

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

1. hija li tkun meħtieġa aktar informazzjoni u/jew ittesjtar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- tinhtiegħ informazzjoni aħjar biex tikkaratterizza b'mod adegwat ir-riskji li jirrigwardaw it-tossiċità għall-fertilità minħabba li d-database preżenti ma tkoprix biżżejjed dan il-punt aħħari. Il-għbir ta' informazzjoni addizzjonali m'għandux, iżda, iddewwem l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll adattati meħtieġa biex jindirizzaw it-tħassib marbut ma' punti ahharja oħrajn

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni li tadatta għall-progress tekniku għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (għadhamhix ippubblikata).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

2. hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:
- tħassib dwar l-irritazzjoni tal-ġilda u ta' l-għajnejn għall-ħaddiema li jaħdmu f'siti ta' kostruzzjoni, peress li f'dan il-każ l-istandards ta' igijene fuq ix-xogħol huma ħafna drabi baxxi u jista' jkun li l-PPE ma jintlibsx;
 - tħassib dwar l-irritazzjoni mill-pajp respiratorju minħabba esponiment mix-xamm li jiġi kkawżat mix-xenarji kollha investigati ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol;
 - tħassib dwar is-sensittività tal-ġilda u dik respiratorja konsegwenza ta' espożizzjoni tal-ġilda u mix-xamm li jirriżultaw mix-xenarji kollha investigati ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol;
 - tħassib dwar it-tossiċità respiratorja minħabba espożizzjoni mix-xamm repetut li jirriżultaw mix-xenarji kollha investigati ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

1. hija tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:
- tinħtieġ informazzjoni aħjar biex tikkaratterizza sew ir-riskji li jirrigwardaw it-tossiċità għall-fertilità minħabba li d-database preżenti ma jkoprix biżżejjed dan il-punt aħħari. Il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali m'għandux, iżda, iddewwem l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll xierqa meħtieġa biex jindirizzaw it-tħassib marbut ma' punti ahharja oħra.
2. li hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:
- tħassib dwar l-irritazzjoni tal-ġilda u ta' l-għajnejn konsegwa ta' l-espożizzjoni li tirriżulta mill-użu tat-tipi kollha ta' prodotti għall-konsumatur li fihom l-MDI;
 - tħassib dwar l-irritazzjoni tal-pajp respiratorju konsegwa ta' l-espożizzjoni mix-xamm li tirriżulta mill-użu ta' fowms b'komponent wieħed (OCFs) li fihom l-MDI u kolla li tinħall bis-sħana;
 - tħassib dwar is-sensittività tal-ġilda u dik respiratorja konsegwenza ta' espożizzjonijiet mix-xamm u tal-ġilda li jirriżulaw mill-użu tat-tipi kollha ta' prodotti għall-konsumatur li fihom l-MDI;
 - tħassib dwar l-effetti fuq il-pulmun konsegwenza tax-xamm minn espożizzjoni ripetuta fiż-żmien qasir mill-użu ta' fowms b'komponent wieħed (OCFs) li fihom l-MDI u kolla li tinħall bis-sħana.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa ma tinhtiegx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji mhumiex mistennija. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA, L-EKOSISTEMA TERRESTRI, IL-MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ u EFFETTI LI MHUMIEX SPEĊIFIĊI GĦALL-EKOSISTEMA RILEVANTI GĦALL-KATINA TA' L-IKEL

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma suffiċjenti.

STRATEĠJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI**Għall-ĦADDIEMA**

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat għat-tnaqqis tar-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

Fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat li:

- jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-komunità valuri tal-limitu ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol għall-MDI skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ⁽³⁾.

Għall-KONSUMATURI

Biex iqisu fuq il-livell tal-Komunità r-reklamar u l-użu ta' restrizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE ⁽⁴⁾ dwar l-użu ta' MDI fi prodotti għall-konsumaturi.

⁽³⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li fil-preżent m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li b'ħalissa m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karattaristiċi fiżikokimiċi)

hija li b'ħalissa m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri li jnaqqsu r-riskji li diġà qed jiġu applikati huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA AKKWATIKA, L-ATMOSFERA u l-EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li b'ħalissa m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji marbuta ma' l-isferi ambjentali msemmija hawn fuq. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li fil-preżent m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji marbuta ma' l-isferi ambjentali msemmija hawn fuq mhumiex mistennija. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA


Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ b'ħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat għat-tnaqqis tar-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

PARTI 5

CAS Nru 75-56-9

Einecs Nru 200-879-2

Formula Strutturali:



Isem ta' l-Einecs:

Methyloxirane

Isem ta' l-IUPAC:

Propylene oxide

Referent:

Ir-Renju Unit

Klassifikazzjoni

F+; R12

Carc. Cat. 2; R45

Muta. Cat. 2; R46

Xn; R20/21/22

Xi; R36/37/38

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula fil-Komunità Ewropea jew impurtata fiha kif deskritta fir-Rapporti dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji komprensivi kif mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽¹⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata prinċipalment bħala monomeru fil-produzzjoni tal-polimeri u bħala intermedjarju fis-sintesi ta' sustanzi oħra. Użi oħra huma dawk bħala stabbilizzatur fid-dichloromethane u bħala addittiv ta' kontra s-sadid. Ma setgħetx tinkiseb informazzjoni dwar l-użu tal-volum totali tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea, għalhekk jista' jkun hemm xi użi li mhumiex koperti b'din il-valutazzjoni tar-riskju.

Din is-sustanza ma ġietx ittestjata biżżejjed għas-sensittività u konsegwentement il-valutazzjoni tar-riskju ma tevalwax ir-riskji għal kwalunkwe populazzjoni ta' dan il-punt aħħari. Dan it-test ma kienx meħtieġ, peress li s-sustanza ġiet identifikata bħala karċinoġenu bla limitu.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA, KONSUMATURI u NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li l-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji ma jistgħux jiġu esklużi għax-xenarji ta' espożizzjoni kollha, peress li s-sustanza hi identifikata bħala karċinoġenu bla limitu, iżda, il-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji huma diġà baxxi. Dan għandu jitqies meta titqies kemm huma adegwati l-kontrolli eżistenti u l-vijabbiltà u l-prattiċità ta' aktar miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskju.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

— l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

⁽¹⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA u L-EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji marbuta ma' l-isferi ambjentali msemmija hawn fuq mhumiex mistennija. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li riskji marbuta ma' l-isferi ambjentali msemmija hawn fuq mhumiex mistennija. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI**Għall-ĦADDIEMA**

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex tnaqqas ir-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ.

Għall-KONSUMATURI U N-NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

Il-miżuri leġiżlattivi eżistenti dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u n-nies mill-ambjent, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet skond id-Direttiva 76/769/KEE ⁽²⁾ (id-Direttiva dwar ir-reklamar u l-użu) fir-rigward tas-sustanzi CMR, id-Direttiva 2001/95/KE (sigurtà ġenerali dwar il-prodott) fir-rigward tal-prodotti ⁽³⁾, u d-Direttiva 96/61/KE ⁽⁴⁾ (prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis) huma meqjusa suffiċjenti biex jindirizzaw ir-riskji identifikati.

⁽²⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

⁽³⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.


⁽⁴⁾ ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26.

PARTI 6

CAS Nru 62-53-3

Einecs Nru 200-539-3

Formula Strutturali:

C₆H₇N

Isem ta' l-Einecs:

Aniline

Isem ta' l-IUPAC:

Aminobenzene

Referent:

Il-Ġermanja

Klassifikazzjoni ⁽¹⁾:

Carc. Cat. 3; R40

Muta Cat. 3; R68

T; R23/24/25-48/23/24/25

Xi; R41 R43

N; R50

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritt fir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv mgħoddi lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata l-aktar bħala intermedjarju fl-industrija kimika, biex tipproduċi methylenedianiline jew lastku. Użi oħrajn huma l-ipproċessar għal żebgħat, pestiċidi, farmaċewtiċi, fibri, eċċ.

Tista' toħroġ l-anilina waqt dawn ix-xenarji ta' produzzjoni u pproċessar. Barra minn dan, l-anilina hi komponent residwu taż-żebgħat u tal-kolla.

Il-valutazzjoni tar-riskju identifikat sorsi oħra li bihom in-nies u l-ambjent ikunu esposti għas-sustanza, partikolarment mit-tnaqqis mikrobijali ta' nitrobenżina, u mill-industrija tal-faħam u ż-żejt. Il-valutazzjoni tar-riskju li toħroġ minn dawn l-espożizzjonijiet, li ma jirriżultawx miċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea mhumiex parti minn dan il-valutazzjoni tar-riskju. Ir-Rapporti dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji komprensivi mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ma jipprovdux iżda informazzjoni li tista' tintuża' biex tevalwa dawk ir-riskji.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta'April 2004 li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-qribija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU**A) SAĦĦET IL-BNIEDEM**

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar it-tossiċità akuta konsegwenza ta':
 - espożizzjoni mix-xamm u/jew kuntatt mal-ġilda f'każ ta' ingwanti mhux adattati li jiġi kkawżat mill-produzzjoni u minn aktar ipproċessar fl-industrija kimika fuq skala kbira;
 - espożizzjoni mix-xamm li jiġi kkawżat mid-degradazzjoni termali tal-plastik ffunderiji tal-ħadid, l-azzar u l-aluminju;
 - espożizzjoni tal-ġilda li jiġi kkawżat mill-użu ta' żebgħat li fihom residwi ta' l-anilina;
- tħassib dwar is-sensittività tal-ġilda konsegwenza ta' espożizzjoni tal-ġilda kkawżat mill-produzzjoni u minn aktar ipproċessar fl-industrija kimika fuq skala kbira (fil-każ ta' ingwanti mhux adattati), u l-użu ta' żebgħat b'residwi ta' l-anilina;
- tħassib dwar l-effetti tossiċi sistemiċi konsegwenza ta':
 - espożizzjoni mix-xamm u/jew kuntatt mal-ġilda f'każ ta' ingwanti mhux adattati kkawżati mill-produzzjoni u minn aktar ipproċessar fl-industrija kimika fuq skala kbira;
 - espożizzjoni mix-xamm ikkawżat mill-vulkanizzazzjoni ta' kimiċi tal-lastku, u mid-degradazzjoni termali tal-plastik ffunderiji tal-ħadid, azzar u aluminju;
 - espożizzjoni tal-ġilda kkawżat mill-użu ta' żebgħat li fihom residwi ta' l-anilina;
- tħassib dwar il-mutaġeniċità u l-karċinoġeniċità fix-xenarji kollha fuq il-post tax-xogħol, minħabba li s-sustanza hi identifikata bħala karċinoġenu li m'għandux limitu. Minkejja dan, għax-xenarji tax-xogħol speċifiċi li ġejjin ir-riskji huma diġà baxxi:
 - Il-ħruġ ta' anilina bħala prodott ta' dekompożizzjoni f'setturi industrijali differenti (eż. l-ipproċessar tal-plastik, l-ingenierija elettrika);
 - L-użu ta' prodotti b'residwi ta' l-anilina (eż. kolla, industrij ta' l-ingenierija, tal-mekkaniżmi u għodda għall-kostruzzjoni).

Dan għandu jitqies ukoll meta wieħed iqis kemm huma adegwati l-kontrolli eżistenti u l-vijabbiltà u l-prattiċità ta' miżuri oħra speċifiċi li jnaqqsu r-riskju.

- tħassib dwar it-tossicitàali tiżviluppa konsegwenza ta' espożizzjoni tal-ġilda f'każ ta' ingwanti mhux adattati kkawżata mill-produzzjoni u aktar ipproċessar fl-industrija kimika fuq skala kbira.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar il-mutaġeniċità u l-karċinoġeniċità konsegwenza ta' espożizzjoni kkawżata mill-użu ta' prodotti li fihom is-sustanza, peress li l-anilina hi identifikata bħala karċinoġenu bla limitu.

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

huma li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti tossiċi sistemiċi, it-tossiċità li żviluppat, il-mutaġeniċità u l-karċinoġeniċità konsegwenza ta' espożizzjoni li tirriżulta minn sorsi fpunti;
- tħassib dwar il-mutaġeniċità u l-karċinoġeniċità konsegwenza ta' espożizzjoni li seta' kien hemm fuq livell reġjonali, peress li l-anilina hi identifikata bħala karċinoġenu bla limitu. Minkejja dan, l-espożizzjonijiet diġà huma baxxi ħafna u dan għandu jitqies meta wieħed iqis kemm huma adegwati l-kontrolli eżistenti u l-vijabbiltà u l-prattiċità ta' aktar miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskju.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:

- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA AKKWATIKA u l-MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

1. hija li hemm bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li tinħtieġ informazzjoni aħjar biex tikkaratterizza biżżejjed ir-riskji għall-ekosistema akkwatika konsegwenza ta' espożizzjoni kkawżata minn siti ta' produzzjoni tal-lastku.

L-informazzjoni u/jew ir-rekwiżiti tat-test huma:

- data dwar il-formazzjoni ta' anilina mill-kimiċi tal-lastku, il-ħruġ fl-ilma tad-drenaġġ u l-proċess ta' trattament ta' l-ilma tad-drenaġġ li huma rappreżentattivi għall-industrija tal-lastku Ewropea.

2. li hemm bżonn miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskju; miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà għandhom jitqiesu. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti fuq l-isferi ambjentali akkwatiċi inkluż in-naqal konsegwenza ta' espożizzjoni kkawżata minn siti ta' produzzjoni ta' l-anilina u aktar ipproċessar (4,4' -methylenedianiline u kimiċi tal-lastku).

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA

1. hija li tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li tinħtieġ informazzjoni aħjar biex tikkaratterizza biżżejjed ir-riskji għall-atmosfera.

L-informazzjoni u/jew ir-rekwiżiti tat-test huma:

- data dwar il-ħruġ fl-atmosfera u t-tekniċi tal-purifikazzjoni ta' l-egżost fl-arja applikati li huma rappreżentattivi għall-industrija tal-lastku Ewropea.

2. li hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji; miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà għandhom jitqiesu. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti fuq il-pjanti konsegwenza ta' espożizzjoni mill-kompartiment ta' l-arja kkawżat minn sit wieħed tal-produzzjoni ta' l-anilina.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tinħtieġ informazzjoni aħjar biex tikkaratterizza biżżejjed ir-riskji għall-ħamrija agrikola mill-anilina bħala prodott tad-degradazzjoni ta' derivattivi tal-phenylurea u carbamate użati bħala prodotti li jiproteġu l-pjanti.

L-informazzjoni u/jew ir-reqwiziti tat-test huma:

- testijiet fit-tul fuq pjanti, ħniex u mikro-organiżmi.

Minkejja dan, peress li r-riskju għall-ħamrija mit-tifrik ta' kimiċi li jiproteġu l-pjanti mhux kopert bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 ⁽³⁾ hu propost li dan jitqies fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽⁴⁾.

STRATEĠJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità hi ġeneralment meqjusa li tagħti qafas adegwat biex jitnaqqsu r-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

Fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat:

- li jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-komunità valuri tal-limitu ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol għall-Anilina skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ⁽⁵⁾, billi titqies l-azzjoni ta' l-użu fuq il-ġilda.

⁽³⁾ ĠU L 84, 5.4.1993.

⁽⁴⁾ ĠU L 230, 19.8.1991.


⁽⁵⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

PARTI 7

CAS Nru 103-11-7

Eines Nru 203-080-7

Formula Strutturali:



Isem ta' l-EINECS: 2-ethylhexyl acrylate

Isem ta' l-IUPAC: 2-ethylhexyl acrylate

Referent: Il-Ġermanja

Klassifikazzjoni ⁽¹⁾: Xi; R37/38 R43

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata l-aktar bħala monomeru fl-industrija kimika għall-produzzjoni ta' polimeri u kopolimeri, li huma prinċipalment ipproċessati aktar għal tixrid ta' polimeru kollu ilma. Il-polimeri u t-tixrid tal-polimeri huma użati fil-kolla u biex iwaħħlu fiż-żebgħat. Applikazzjonijiet oħra jinkludu materjal mhux raffinat ta' żebgħa li tiksxi u użi fl-industrija tal-plastik u tat-tessuti. Barra minn hekk, 2-ethylhexyl acrylate hu użat bħala monomeru fl-industrija tal-kostruzzjoni, f'kimiċi (eż. kisjiet għall-art, sustanzi li bihom jimmarkaw it-toroq).

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti lokali konsegwenza ta' espożizzjoni ripetuta mix-xamm ikkawżata waqt il-formulazzjoni ta' preparazzjonijiet li fihom 2-ethylhexyl acrylate;
- tħassib dwar is-sensittività tal-ġilda konsegwenza ta' espożizzjoni għall-ġilda kkawżata waqt il-produzzjoni ta' 2-ethylhexyl acrylate u l-polimerizzazzjoni, il-formulazzjoni ta' preparamenti u l-użu ta' formulazzjonijiet li fihom 2-ethylhexyl acrylate monomeriku fis-sengħa tal-bini.

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI u N-NIES ESPOST MILL-AMBJENT

huma li bħalissa m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004, li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, regolament u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll is-sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi) hija

li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA u L-EKOSISTEMA TERRESTRI

huma li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJU

Għall-ĦADDIEMA

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex jitnaqqsu r-riskji tas-sustanza għall-ħaddiema safejn hu meħtieġ u għandha applika.

Fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat:

- Li jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-Komunità valuri tal-limitu ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol ta' 2-ethylhexyl acrylate skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ⁽³⁾.

Il-kontrolli eżistenti huma meqjusa suffiċjenti biex inaqqsu r-riskji tas-sensittività tal-ġilda.


⁽³⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

PARTI 8

CAS Nru 106-46-7

Einecs Nru 203-400-5

Formula Strutturali:



Isem ta' l-EINECS:	1,4-Dichlorobenzene
Isem ta' l-IUPAC	1,4-Dichlorobenzene
Referent:	Franza
Klassifikazzjoni ⁽¹⁾	Carc. Cat. 3; R40 Xi; R36; R 50/53

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fir-Rapporti dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensivi kif mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata l-aktar bħala intermedjarju fl-industrija kimika, fil-formulazzjoni ta' repellents għall-insetti, air fresheners u tojlit blocks. Użi oħra huma bħala għajnuna fl-ipproċessar fil-produzzjoni ta' roti tat-tħin u bħala ġarriera għal żebgħat tat-tessuti.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar it-tossiċità sistemika ġenerali, il-karċinoġeniċità u t-tossiċità riproduttiva konsegwenza ta' espożizzjoni mix-xamm u għall-ġilda kkawżat mill-fabbrikazzjoni u l-użu (ta' formulazzjoni ta' prodotti intermedjarji li fihom is-sustanza u l-produzzjoni ta' roti tat-tħin);
- tħassib dwar l-irritazzjoni għall-għajnejn u l-immieħer konsegwenza ta' espożizzjoni għall-fwar ikkawżat waqt l-użu tal-formulazzjoni ta' prodotti li fihom is-sustanza u l-produzzjoni ta' roti tat-tħin.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija jinħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar il-karċinoġeniċità konsegwenza ta' espożizzjoni mix-xamm ikkawżata mill-użu ta' repellents ta' l-insetti, air fresheners u tojlit blocks.

⁽¹⁾ Il-klassifikazzjoni tas-sustanza hi stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004 li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA, IL-MIKRO-ORGANIŻMI TERRESTRI TA' L-EKOSISTEMA FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ u EFFETTI SPEĊIFIĊI MHUX MARBUTA MA' L-EKOSISTEMA RILEVANTI GĦALL-KATINA TA' L-IKEL

hija li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji marbuta ma' l-isferi ambjentali msemmija hawn fuq. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA

Il-legalizzazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex tnaqqas ir-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat li:

- il-Kumitat tal-Kummissjoni Xjentifika dwar il-Limiti ta' Espożizzjoni fuq ix-Xogħol (SCOEL) jirrevedi l-informazzjoni ġdida li hemm fir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju u jirrakkomanda jekk hemmx bżonn li jirrevedi l-OEL preżenti tal-komunità.

Għall-KONSUMATURI

Hu rakkomandat:

- li jqis fuq il-livell tal-Komunità r-reklamar u juża' restrizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE ⁽³⁾ dwar l-użu ta' 1,4-dichlorobenzene fl-air fresheners, ir-repellents ta' l-insetti u toiletblocks.


⁽³⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

PARTI 9

CAS Nru 81-14-1

Einecs Nru 201-328-9

Formula strutturali:



Isem ta' l-EINECS:	4'-tert-butyl-2',6'-dimethyl-3',5'-dinitroacetophenone
Isem ta' l-IUPAC:	3,5-dinitro-2,6-dimethyl-4-tert-butylacetophenone
Referent:	L-Olanda
Klassifikazzjoni ⁽¹⁾ :	Fil-laqgħa ta' Ġunju ta' l-2002 dwar l-ambjent u fil-laqgħa tas-CMR ta' Jannar 2003 ġie miftiehem bħala Carc. Cat. 3; R40 N; R50/53

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritt fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata prinċipalment bħala ingredjent f'kompożizzjonijiet tal-fwieħa għal prodotti kożmetiċi.

Użi oħra huma d-diterġints, il-*fabric softeners*, prodotti għat-tindif tad-dar u prodotti oħra jfuħu.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA, IL-KONSUMATURI u N-NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li m'hemm x bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar u l-ebda bżonn ta' miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk, li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà jitqiesu suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskju kkawżati mill-

ESPOŻIZZJONI MĦALLTA

hija li fil-preżent ma tinħtieġx aktar informazzjoni u/jew ittestjar u l-ebda bżonn ta' miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk, li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

⁽¹⁾ Il-klassifikazzjoni tas-sustanza hi stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni [li trid tiġi ppubblikata fil-31 ATP] li tadatta għall-progress teknika għall-31 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imbagg u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/73/KE.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- meta wieħed iqis id-*data* fiżiko-kimika, musk ketone mhux meġjus li hu ta' riskju fir-rigward tal-karatteristiċi dwar kemm jaqbad, u jsplođi u jsir ossidanti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA u L-EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar u l-ebda bżonn ta' miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk, li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meġjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li:


- l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meġjusa suffiċjenti.

PARTI 10

CAS Nru 117-81-7

Eines Nru 204-211-0

Formula strutturali:



Isem ta' l-EINECS:	Di-(2-ethylhexyl) phthalate (DEHP)
Isem ta' l-IUPAC:	Bis(2-ethylhexyl)phthalate
Referent:	L-Iżvezja
Klassifikazzjoni ⁽¹⁾ :	Repr. Cat. 2; R60-61

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata prinċipalment (97 %) bħala *plasticizer* (biex itejjeb il-flessibilità u t-tħaddim tal-materjal tal-polimeru) fi prodotti tal-polimeru, l-aktar il-PVC.

PVC flessibbli hu użat f'diversi oġġetti differenti, eż. ġugarelli, materjal tal-bini bħal dak li jitqiegħed fl-art, kejbils, profili u soqfa, kif ukoll prodotti mediċi bħal basktijiet tad-demm, tagħmir tad-dijalisi eċċ. DEHP hu użat ukoll fi prodotti oħra tal-polimeru, eż. reżina tal-vinil u plastik taċ-ċelluloża ester.

Użi oħra (3 %) huma għall-applikazzjonijiet mhux tal-polimeru bħall-kolla u s-sealant, il-verniċi u ż-żebgħa, linka għall-istampar fuq il-karti u l-plastik, linka għall-istampar fuq it-tessuti, il-lastku u ċ-ċeramika għall-użi elettroniċi. Użu ieħor huwa bħala fluwidu dielettriku fil-*capacitors*.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li m'hemmx b'żonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti testikolari, il-fertilità, it-tossiċità għall-kliewi minħabba espożizzjoni ripetuta, u t-tossiċità li tiżviluppa konsewgenza ta' espożizzjoni mix-xamm u tal-ġilda waqt il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-użu aħħari industrijali ta' preparazzjonijiet jew materjal li fih id-DEHP

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li jeħtieġu miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib għat-tfal fir-rigward ta' l-effetti testikolari, il-fertilita u t-tossiċità għall-kliewi minħabba espożizzjoni ripetuta, konsewgenza ta' espożizzjoni orali kkaġunata mill-użu ta' ġugarelli u oġġetti għall-kura tat-tfal;

⁽¹⁾ Il-klassifikazzjoni tas-sustanza hi stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/59/KE tas-6 ta' Awissu 2001 li tadatta għall-progress tekniku għat-28 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, l-imbaggħ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 225, 21.8.2001).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

- tħassib dwar it-tfal li jgħaddu minn trasfużjonijiet tad-demem fit-tul u neonati li jgħaddu minn trasfużjonijiet fir-rigward tat-tossiċità testikolari u l-fertilita, minħabba espożizzjoni minn materjal fit-tagħmir mediku li fih id-DEHP;
- tħassib għall-adulti li jgħaddu minn haemodialisi fit-tul fir-rigward ta' l-effetti testikolari, il-fertilita, it-tossiċità għall-kliwi minħabba espożizzjoni ripetuta, u t-tossiċità li tiżviluppa, konsegwenza ta' espożizzjoni minn materjal fit-tagħmir mediku li fih id-DEHP.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija jinħtieġu miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskji; miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġa għandhom jitqiesu. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib għat-tfal fir-rigward ta' l-effetti testikolari, il-fertilita, u t-tossiċità għall-kliwi minħabba espożizzjoni ripetuta, konsegwenza ta' espożizzjoni mill-ikel imkabbar lokalment ħdejn siti li jipproċessaw il-polimeri bid-DEHP, jew siti li jipproduċu s-sealants u/jew il-kolla, iż-żebgħa u l-verniċi jew linka għall-istampar bid-DEHP. Ix-xenarji li jqajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjoni. M'hemm l-ebda tħassib dwar in-numru limitat ta' siti li rrapportaw *data* mkejla dwar l-emissjoni;
- tħassib għat-tfal fir-rigward tat-tossiċità testikolari, konsegwenza ta' espożizzjoni mill-ikel imkabbar lokalment ħdejn siti li jirriċiklaw il-karti jew impjanti tat-trattament tad-drenaġġ muniċipali. Ix-xenarji li jqajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjoni.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Il-miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġa huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġa huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA AKKWATIKA

hija li hemm bżonn li jitnaqqsu r-riskji; miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġa għandhom jitqiesu. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-għasafar li jieklu l-molluski esposti għad-DEHP ħdejn siti li jipproċessaw il-polimeri bid-DEHP jew siti li jipproduċu s-sealants u/jew il-kolla bid-DEHP. Ix-xenarji li jqajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjoni. M'hemm l-ebda tħassib għan-numru limitat ta' siti li rrapportaw *data* mkejla dwar l-emissjonijiet.

Tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib għall-organiżmi li jgħixu fin-naqal konsegwenza ta' espożizzjoni għad-DEHP ħdejn siti li jipproċessaw il-polimeri bid-DEHP jew siti li jipproduċu l-verniċi, iż-żebgħa, linka għall-istampar, sealants u/jew kolla bid-DEHP. Ix-xenarji li jqajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjonijiet. M'hemm l-ebda tħassib għan-numru limitat ta' siti li rrapportaw *data* mkejla dwar l-emissjonijiet.

Aktar irfinar tal-valutazzjoni jista' jneħħi xi ftit mit-tħassib. Iżda l-implimentazzjoni ta' miżuri dwar l-immaniġjar tar-riskju biex jindirizzaw ir-riskji identifikati għal sferi ambjentali oħra se telimina l-bżonn ta' aktar informazzjoni dwar organiżmi li jgħixu fin-naqal.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li hemm bżonn li jitnaqqsu r-riskji; miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġa għandhom jitqiesu. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar il-mammiferi li jikkonsmaw il-ħniex esposti għad-DEHP ħdejn siti li jipproċessaw il-polimeri bid-DEHP jew siti li jipproduċu l-verniċi, iż-żebgħa, il-linka għall-istampar, is-sealants u/jew il-kolla bid-DEHP. Ix-xenarji li jgħajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjonijiet. M'hemm l-ebda tħassib dwar in-numru limitat ta' siti li rappurtaw *data* mkejla dwar l-emissjonijiet.

Tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-organiżmi tal-ħamrija esposti għad-DEHP ħdejn siti li jipproċessaw il-polimeri bid-DEHP jew siti li jipproduċu linka għall-istampar, sealants u/jew kolla bid-DEHP. Ix-xenarji li jgħajmu tħassib huma xenarji ġeneriċi bbażati fuq *data* pprogrammata dwar l-emissjonijiet. M'hemm l-ebda tħassib dwar in-numru limitat ta' siti li rappurtaw *data* mkejla dwar l-emissjonijiet.

Aktar raffinar tal-valutazzjoni jista' jneħħi xi ftit mit-tħassib. Iżda l-implimentazzjoni ta' miżuri dwar l-immaniġjar tar-riskju biex tindirizza r-riskji identifikati għal sferi oħra ambjentali se telimina l-bżonn għal aktar informazzjoni dwar l-organiżmi tal-ħamrija.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li fil-preżent m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskji aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri dwar it-tnaqqis tar-riskji li qed jiġu applikati diġa huma meqjusa suffiċjenti.

STRATEĠIJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Għall-ĦADDIEMA

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex tillimita r-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika. Fi ħdan dan il-qafas hu rakkomandat:

- li jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-komunità valuri tal-Limiti ta' Espożizzjoni fuq ix-Xogħol għad-DEHP skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ⁽³⁾.

Għall-KONSUMATURI

Hu rakkomandat:

- li jiġi ristrett l-użu tad-DEHP f'materjal ta' l-ippakkjar għall-ikel [Materjal tal-Plastik f'kuntatt ma' l-Ikel (2002/72/KE)] ⁽⁴⁾
- li wieħed iqis li jirristrinġi l-użu tad-DEHP f'taġħmir mediku li jagħti lok għal espożizzjoni possibbli tat-trabi li jkun għandhom jitwieldu u gruppi identifikati li jgħajmu tħassib skond il-proċedura stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KE ⁽⁵⁾ li tikkonċerna t-tagħmir mediku, billi wieħed jassumi li jeżistu alternativi siguri.

⁽³⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.

⁽⁵⁾ ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.

Fir-rigward ta' l-użu tad-DEHP mill-konsumaturi, il-miżuri leġiżlattivi fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE ⁽⁶⁾ (id-Direttiva dwar ir-Reklamar u l-Użu) fir-rigward ta' sustanzi CMR u d-Direttiva 2005/84/KE ⁽⁷⁾ dwar phthalates fil-ġugarelli u oġġetti għall-kura tat-tfal huma meqjusa suffiċjenti biex jindirizzaw ir-riskji identifikati għall-konsumaturi.

IN-NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT indirettament

Fi ħdan il-qafas tal-miżuri leġiżlattivi eżistenti skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE (id-Direttiva dwar ir-Reklamar u l-Użu) hu rakkomandat li:

- jitqiesu fuq il-livell tal-Komunità restrizzjonijiet dwar l-użu tad-DEHP fi twaħħil industrijali għall-ipproċessar tal-polimeri bid-DEHP (tfigħ 'il barra, *calendaring*, kisi mifrux) u biex jiġu prodotti sealants u/jew kolla, żebgħa u verniċ jew linka għall-istampar bid-DEHP, minbarra t-twaħħil li m'għandux emissjonijiet tad-DEHP fl-ambjent kif ukoll installazzjonijiet fejn l-emissjonijiet tad-DEHP huma kontrollati b'mod adegwat. Kontroll adegwat jista' eż. jintlaħaq permezz ta' trattament effiċjenti ta' l-arja ta' l-egżost u kanali li minnhom jgħaddi d-drenaġġ. L-effiċjenza fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet għandha tiġi dokumentata sabiex tkun tista' tiġi segwita mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri;
- jitqies, f'perjodu taż-żmien raġonevoli, il-bżonn ta' restrizzjonijiet fuq il-livell tal-Komunità minħabba emissjonijiet fl-ilma minn prodotti li fihom id-DEHP, billi titqies kwalunkweinformazzjoniaddizzjonali.

⁽⁶⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.


⁽⁷⁾ ĠU L 344, 27.12.2005, p. 40.

PARTI 11

CAS Nru 108-95-2

Einecs Nru 203-632-7

Formula Strutturali:



Isem ta' l-EINECS:	Phenol
Isem ta' l-IUPAC:	Phenol
Referent:	Il-Ġermanja
Klassifikazzjoni: ⁽¹⁾	T; R23/24/25 C; R34 Xn; R48/20/21/22 Muta Cat. 3; R68

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata prinċipalment bħala intermedjarju fil-produzzjoni tal-bisphenol A, reżini tal-phenol, alkylphenols, caprolactam, salicylic acid, nitrophenols, diphenyl ethers, halogen phenols u kimiċi oħra.

Użi oħra bħala komponent f'kożmetiċi u preparazzjonijiet mediċi kif ukoll f'bijoċidi li mhumiex agrikoli, kolla u aġenti li jimlew.

Il-valutazzjoni tar-riskju identifikat sorsi oħra ta' espożizzjoni għas-sustanza min-nies u mill-ambjent, b'mod partikolari, meta jintreħa l-phenol bħala prodott tal-metaboliżmu uman u tat-tkabbir ta' l-annimali, mill-ipproċessar tal-faħam u l-fabbrikazzjoni tal-polpa u mill-miżbljet, li ma jirriżultax miċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea. Il-valutazzjoni tar-riskju li toħroġ minn dawn l-espożizzjonijiet mhix parti minn din il-valutazzjoni tar-riskju. Ir-Rapporti dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensivi mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ma jipprovdwx iżda informazzjoni li tista' tintuża' biex tevalwa dawn ir-riskji.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA

hija li hemm bżonn miżuri speċifiċi biex inaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti tossiċi akuti (sistemiċi) konsegwenza ta' espożizzjoni mix-xamm, li tirriżulta mill-formulazzjoni ta' reżini fenoliċi;
- tħassib dwar l-effetti tossiċi akuti (sistemiċi) konsegwenza ta' espożizzjoni tal-ġilda, li tirriżulta mill-użu ta' reżini fenoliċi f'tekniki ta' l-isprejar;

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004, li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-qrubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

- tħassib dwar is-sadid wara li jkun hemm kuntatt mal-ġilda u kuntatt ma' l-ġhajnejn li jirriżulta mix-xenarji kollha ta' espożizzjoni tal-ġilda (produzzjoni u aktar ipproċessar, formulazzjoni u użu ta' reżini fenoliċi);
- tħassib dwar l-effetti sistemiċi konsegwenza ta' espożizzjoni ripetuta mix-xamm li tirriżulta mix-xenarji kollha (produzzjoni u aktar ipproċessar, formulazzjoni u użu ta' reżini fenoliċi);
- tħassib dwar l-effetti sistemiċi konsegwenza ta' espożizzjoni tal-ġilda mtennija li tirriżulta mill-formulazzjoni ta' reżini fenoliċi u l-użu ta' reżini fenoliċi f'tekniki ta' l-isprejar.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

KONSUMATURI

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-irritazzjoni tal-ġilda konsegwenza ta' espożizzjoni li tirriżulta mill-użu ta' phenol li fih id-diżinfettanti;
- tħassib dwar l-effetti sistemiċi konsegwenza ta' espożizzjoni ripetuta mix-xamm li tirriżulta mill-phenol f'lostru ta' l-art;
- tħassib dwar l-effetti sistemiċi konsegwenza ta' espożizzjoni ripetuta tal-ġilda kkawżata mill-phenol fid-diżinfettanti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għan-

NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti sistemiċi konsegwenza ta' espożizzjoni orali ripetuta minn espożizzjoni lokali indiretta minn friegħi tal-pjanti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

B) L-AMBJENT

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ATMOSFERA, L-EKOSISTEMA AKKWATIKA u L-EKOSISTEMA TERRESTRI

hija li fil-preżent m'hemmx b'żonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ

hija li jinħtieġu miżuri speċifiċi li jnaqqsu r-riskji. Il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- tħassib dwar l-effetti fuq il-mikro organiżmi fl-impjanti industrijali tat-trattament tad-drenaġġ fi 8 siti tal-produzzjoni u pproċessar jew sempliċement ipproċessar.

STRATEĠJA GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJI**Għall-ĦADDIEMA**

Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li hemm fis-seħħ bħalissa fuq il-livell tal-Komunità ġeneralment titqies li tagħti qafas adegwat biex tillimita r-riskji tas-sustanza safejn hu meħtieġ u għandha tapplika.

L-AMBJENT U N-NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

Il-valutazzjoni tar-riskju identifikat sorsi oħra ta' emissjonijiet tal-phenol (minn phenol mhux iżolat, eż mit-tisjir, mill-gassifikazzjoni u likwifazzjoni tal-faħam, ir-raffineriji u l-fabbrikazzjoni tal-polpa, bħala prodott tal-metaboliżmu uman jew ta' l-annimali jew mill-miżbljet), minbarra dawk mill-kimika prodotta jew impurtata. Il-bżonn li jitqies jekk l-immaniġġjar tar-riskju addizzjonali hux meħtieġ jista' jitqies l-aħjar permezz tad-Direttiva 2000/60/KE ⁽³⁾ (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u l-leġiżlazzjoni li jmiss dwar il-protezzjoni tal-ħamrija bl-użu ta' l-informazzjoni fir-rapport komprensiv dwar il-valutazzjoni tar-riskju.

Il-miżuri leġiżlattivi eżistenti dwar il-ħarsien ta' l-ambjent huma meqjusa suffiċjenti biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-miżbljet mingħajr sistemi li jiġbru dak il-likwidu li joħroġ mill-miżbljet (1999/31/KE ⁽⁴⁾).

⁽³⁾ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.


⁽⁴⁾ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

PARTI 12

CAS Nru 81-15-2

Eines Nru 201-329-4

Formula Strutturali:



Isem ta' l-EINECS:	5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene
Isem ta' l-IUPAC:	1-tert-butyl-3,5-dimethyl-2,4,6-trinitrobenzene
Referenti:	L-Olanda
Klassifikazzjoni: ⁽¹⁾	Carc. Cat. 3; R40 E; R2 N; R50/53

Il-valutazzjoni tar-riskju hi bbażata fuq prassi preżenti marbuta maċ-ċiklu sħiħ tas-sustanza magħmula jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritta fil-valutazzjoni tar-riskju mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istat Membru Referenti ⁽²⁾.

Il-valutazzjoni tar-riskju, abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli, iddeterminat li fil-Komunità Ewropea s-sustanza hi użata prinċipalment bħala ingredjent f'kompożizzjonijiet tal-fwieħa għall-prodotti kożmetiċi.

Użi oħra bħal ditergents, *fabric softeners*, prodotti għat-tindif tad-dar u prodotti oħra li jfuħu.

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

A) SAĦĦET IL-BNIEDEM

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

ĦADDIEMA, KONSUMATURI u NIES ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar u l-ebda bżonn ta' miżuri li jnaqqsu r-riskji aktar minn dawk, li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskji li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-

ESPOŻIZZJONI MĦALLTA

hija li bħalissa m'hemmx bżonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar u l-ebda bżonn ta' miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk, li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li l-valutazzjoni tar-riskju turi li mhumiex mistennija riskji. Miżuri li jnaqqsu r-riskju li qed jiġu applikati diġà huma meqjusa suffiċjenti.

⁽¹⁾ Il-klassifikazzjoni tas-sustanza hi stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004 li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-grubija tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-klassifikazzjoni, l-imbagg u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 152, 30.4.2004).

⁽²⁾ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv jista' jinstab fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Kimiċi: <http://ecb.jrc.it/existing-substances/>

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għal

SAĦĦET IL-BNIEDEM (karatteristiċi fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx b'zonn aktar informazzjoni u/jew ittestjar jew miżuri li jnaqqsu r-riskju aktar minn dawk li qed jiġu applikati diġà. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba:

- li *d-data* fiżiko-kimika, 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene (musk xylene) mhix meqjusa li tiffirma riskju fir-rigward tal-karatteristiċi ossidanti;
- Ġie innutat li l-musk xylene jista' jaqbad u jispodi jekk jiġi xxukkjat u bis-sħana, u għandu jiġi ttikkettjat għal dawn l-aspetti. Għalhekk, huma indikati l-miżuri biex ikun evitat li jaqbd u li jispodi. Jekk wieħed iħares il-kundizzjonijiet ta' tqandil u ħżien, m'hemm l-ebda tħassib dwar ir-riskji għal saħħiet il-bniedem li jirriżultaw mill-karatteristiċi fiżikokimiċi tal-musk xylene.

B) **L-AMBJENT**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji għall-

AMBJENT

hija li tinħtieġ aktar informazzjoni u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni ntlaħqet minħabba li s-sustanza hi meqjusa bħala kimika kandidata PBT. Hi proposta strateġija oħra ta' l-ittestjar tal-PBT.
